# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 11**

**Rikors numru 65/12 SM**

**Philip Testaferrata Bonici, Rita Testaferrata Bonici,**
**Marie u Nicholas Bianchi**

**v.**

**Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, l-Avukat Generali u**
**skont il-verbal datat il-21 ta' Awwissu 2012, id-Direttur**
**tal-Akkomodazzjoni Socjali gie sostitwit bil-kliem Awtorita` tad-Djar**

## Preliminari

1. Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrenti mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti] fl-24 ta' Ottubru 2017 [is-sentenza appellata], li permezz taghha dik il-Qorti [i] iddikjarat li l-ordni ta' rekwizizzjoni mahruga fit-13 ta' Awwissu 1974 fuq il-fond tar-rikorrenti gewwa 153, Triq il-Kbira, Hal Balzan, tikser id-drittijiet fondamentali taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` taghhom; [ii] cahdet it-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-ksur

tad-dritt protett mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni; [iii] cahdet ir-risposti tal-intimati fejn eccepew li ma kienx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti bil-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni; [iv] laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimati fejn eccepew li ma kienx hemm diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni; [v] illikwidat il-kumpens li ghandhom jircievu r-rikorrenti ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom fis-somma ta' hamsin elf Euro (€50,000) u [vi] ikkundannat lill-Awtorita` tad-Djar thallas l-ammont hekk liwkidat lir-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita`.

**Mertu**

2. Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali minnhom ipprezentat, ir-rikorrenti jilmentaw li huma soffrew ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom protetti mill-Artikolu 14 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni bl-ordni ta' rekwizizzjoni u t-tehid kontinwat tal-fond taghhom gewwa 153, Triq il-Kbira Hal Balzan. Dan il-fond, originarjament, kien jintuza bhala skola primarja tal-Gvern sas-sena 1974 in virtu` ta' kirja volontarjament kostitwita bejn l-awtur fit-titolu tar-rikorrenti u l-Gvern, izda gie rekwizizzjonat fis-sena 1974 biex jigi allokat lil diversi dipartimenti governattivi u entitatjiet ohra biex jintuza bhala sede taghhom. Mill-provi jirrizulta illi finalment, wara li d-diversi entitajiet

li kienu gew allokati l-fond fi zminijiet differenti ghall-uzu taghhom, il-fond gie mbattal u fil-prezent jinsab vojt hlief ghal okkupant wiehed li ghadu jokkupa parti mill-fond. Fis-26 ta' Gunju 2014, inhareg ordni ta' derekwizizzjoni parzjali tal-fond.

3. Rigward l-okkupanti li kienu jokkupaw partijiet mill-ambjenti tal-fond, u li dawn hargu fuq talba tal-Awtoritá[1] intimata, kien hemm il-Maltapost Ltd., il-Kunsill ta' Hal Balzan, id-Dipartiment tas-Sigurtá socjali. Dawn l-entitajiet hargu ghax sabu post alternattiv. Rigward dik il-parti zghira li ghadha okkupata mid-Dipartiment tas-Sahha, mill-provi jirrizulta li l-imsemmija Awtoritá qed taghmel tentattivi sabiex jinsab post alternattiv u jivvakaw l-ambjent zghir li qed jokkupaw fil-fond de quo.

4. In linea ta' kumpens ghat-tehid tal-fond taghhom, ir-rikorrenti bdew jircievu minghand l-awtoritajiet tal-iStat is-somma ta' €256.23, li hija l-istess somma li giet iffissata bhala kera gusta ghall-fond mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-sena 1948, meta l-fond kien ghadu mikri lid-Direttur tal-Kuntratti. Wara s-sena 2000, ma thallasx iktar kumpens lir-rikorrenti ghall-okkupazzjoni tal-fond, izda fis-sena 2001, huma thallsu s-somma ta' €67,431.70 akkont tal-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond, wara rakkomandazzjoni maghmula mill-Ombudsman. Dawn ir-

[1] Dep. Mario Magro 16 Gunju 2016 Fol.171

rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman wasslu wkoll sabiex ir-rikorrenti inghataw lura l-pussess ta' parti mill-fond inkluz il-gnien tieghu u access mill-bieb principali tal-fond biex jaccedu ghal dawn l-ambjenti.

5. Ir-rikorrenti lmentaw ulterjorment illi l-ordni ta' rekwizizzjoni in kwistjoni ma saritx ghal skop pubbliku u sostnew li filwaqt li hemm nieqes ukoll b'mod assolut l-element ta' proporzjonalita` bejn il-kumpens imhallas lilhom mill-awtoritajiet u l-valur attwali tal-fond fuq is-suq, ma jezisti ebda prospettiva li l-fond jerga' jigi ritornat lura lilhom wara trapass ta' 38 sena.

6. L-intimati l-Avukat Generali u l-Awtorita` tad-Djar laqghu ghall-azzjoni b'diversi eccezzjonijiet fosthom illi l-ordni ta' rekwizizzjoni impunjat sar skont il-ligi u ghal skop pubbliku, u l-kumpens imhallas lir-rikorrenti huwa wiehed gust li ma jivvjolax id-dettami tal-Konvenzjoni. L-intimati jikkontendu wkoll illi filwaqt li l-quantum tal-kumpens qatt ma gie kontestat u baqa' jigi accettat mis-sidien ghal diversi snin, ir-rikorrenti damu 38 sena shah biex jagixxu gudizzjarjament sabiex jiksbu dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom, liema inerzja ghandha timmilita kontra l-istess rikorrenti fil-likwidazzjoni ta' kumpens li jista' jkun talvolta likwidat favur taghhom.

## Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata li l-partijiet relevanti taghha qed jigu hawn riprodotti ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell:-

> "13.0. Illi essenzjalment, il-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:
>
> "13.1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond meritu tal-procedura odjerna, (ara foll 31);
>
> "13.2. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni in dizamina hi datata t-13 t'Awwissu, 1974, (ara foll 105);
>
> "13.3. Illi r-rikorrenti jallegaw li tali ordni indikat fil-paragrafu precedenti imur kontra l-artiklu 14 u kontra l-ewwel artiklu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni;
>
> "13.4. Illi jirrizulta pacifiku, anke ex admissis mill-intimati, li l-fond *de quo* kien jintuza mid-diversi entitajiet minnhom stess indikati, (ara paragrafi hamsa punt hmistax, (5.15.), u hamsa punt dsatax, (5.19.), aktar qabel);
>
> "13.5. Illi fit-30 t'April, 2004, l-*Waste Mangement Strategy Implementation,* emanazzjoni tad-Dipartiment tal-Ambjent, irrilaxxat il-fond *de quo*, (ara foll 18);
>
> "13.6. Illi *nonostante* ir-rilaxx indikat fil-paragrafu precedenti u d-diversi promessi inutili tar-rikorrenti tul il-procedura li servew biss biex jipprolongaw il-procedura inutilment, li l-entitajiet l-ohra kienu wkoll ser jivvakaw l-istess fond, dan baqa' jintuza mill-istess entitajiet a skapitu tar-rikorrenti;
>
> "13.7. Illi l-kumpens moghti lir-rikorrenti ghall-uzu tal-fond li r-ritratt tieghu jidher a foll 80, kien ta' mitejn u sitta uhamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu, €256.23, (ara foll 1 u 108);
>
> "13.8. Illi r-rikorrenti jilmentaw ukoll li tul il-perjodu li l-istess fond kien hekk rekwizizzjonat u uzat mid-diversi entitajiet fuq riferiti, l-intimati effettwaw diversi tibdiliet strutturali li effettwaw negattivament is-servitujiet li l-istess fond kellu fuq fond adjacenti;

"13.9. Illi l-kera pattwita bdiet tithallas lin-Nutar fuq indikat ghan-nom tas-sid, (ara paragrafu numru hamsa punt tnax, (5.12.), aktar qabel u foll 18 u 23);

"13.10. Illi meta l-istess fond in dizamina beda jintuza mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mill-Kunsill Lokali ta' Hal Balzan, il-kera bdiet tigi depozitata l-qorti, (araparagrafu numru hamsa punt erbatax, (5.14.) u foll 18 u 23);

"13.11. Illi fl-20 ta' Frar, 2001, parti mill-proprjeta` in dizamina inghatat lura lis-sidien billi l-Awtorita` intimata in dizamina ghaddiet tliet (3) cwievet tal-istess lill-imsemmija sidien, (ara paragrafu numru hamsa punt zbatax, (5.17), aktar qabel, u foll 18 u 23);

"Ikkunsidrat:

"14. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti jippernjaw fuq l-ordni ta' rekwizizzjoni li nharget fil-konfront tal-proprjeta` *de quo* fit-13 t'Awwissu, 1974, (ara foll 105);

"15.0. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti sintetikament jilmentaw is-segwenti:

"15.1. Illi l-agir tal-intimati fil-konfront taghhom hu wiehed diskriminatorju billi rizultat tal-istess ordni kien impost fuqhom il-piz tal-allokazzjoni tal-fond *de quo* tad-dipartimenti fuq indikati li min-natura tieghu kellu jinkombi fuq l-istat;

"15.2. Illi l-istess agir tal-intimati kien jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta` taghhom;

"16. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti jsosstnu li tali agir tal-intimati kien lesiv dawk id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artiklu 14 u bl-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni;

"Ikkunsidrat:

"17. Illi preliminarjament l-intimati jirrikjedu li r-rikorrenti ghandhom igibu prova li huma l-proprjetarji tal-fond meritu tal-procedura odjerna, (ara foll 5);

"18.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

"18.1. Illi l-procedura odjerna mhix wahda ta' *rei vindicatoria*;

"18.2. Illi ghalhekk mhix mehtiega l-prova diabolika tal-prova tat-titolu orginali;

"18.3. Illi ghandu jkun pacifiku li din hi procedura koncernanti l-lanjanza tal-ksur ta' drittijiet fundamentali kif specifikament sanciti fil-Konvenzjoni;

"18.4. Illi f'dan ir-rigward hekk specifku ghalhekk, hu bizzejjed li r-rikorrenti juru interess guridiku fl-ezitu tal-istess procedura;

"18.5. Illi *nonostante* s-suespost, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"18.5.1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond meritu tal-procedura odjerna;

"18.5.2. Illi l-istess rikorrenti akkwistaw l-istess fond permezz t'att ta' divizjoni datat l-1 ta' Novembru,1996, *in atti* tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon, (ara foll 29);

"19. Illi ghalhekk jirrizulta abbundantement assodat li l-istess rikorrenti ipprovaw anke t-titolu li huma ghandhom fuq il-fond *de quo*;

"20. Illi ghalhekk l-eccezzjoni preliminari in dizamina sollevata mill-intimati ghandha mhux biss tigi injorata izda wkoll, respinta;

"Ikkunsidrat:

"21.0. Illi fir-rigward tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni jinghad sintetikament is-segwenti:

"21.1. Illi l-istess artiklu in dizamina jistabbilixxi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-dgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi privat mill-possedimenti tieghu hlief fl- interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali. Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni";

"21.2. Illi skont is-segwenti gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, senjatament ***James and Others vs. the United Kingdom*** datata l-***21 ta' Frar, 1986***; ***Beyeler vs. Italy numru 33202/96 § 98***, ***ECHR 2000 – 1***; u ***Saliba vs. Malta***, ***numru 4251/02, § 31***, datata t-***8 ta' Novembru, 2005***, id-disposizzjoni in dizamina citata fil-paragrafu precedenti tinkludi tliet (3) regoli distinti, senjatament:

"21.2.1. **L-ewwel regola:** Illi l-ewwel sentenza tal-istess hi wahda ta' natura generali u tistabbilixxi l-principju tal-godiment pacifiku tal-proprjeta`;

"21.2.2. **It-tieni regola:** Illi t-tieni sentenza tal-istess tkopri l-privazzjoni tal-possedimenti u tissuggetta t-tehidtal-istess ghal certu kundizzjonijiet;

"21.2.3. **It-tielet regola:** Illi din tirregola d-dritt tal-istati firmatorji tal-Konvenzjoni u tirrikonoxxi d-dritt lidawn ghandhom biex *nonostante* id-drittijiet rikonoxxuti tas-sidien tal-proprjeta`, xorta wahda ghandhom id-dritt tal-uzu tal-proprjeta` kemm- ildarba dan l-uzu jkun in konformita` mal-interess generali;

"21.2.4. Illi l-istess tliet regoli pero` mhumiex distinti u separati minn xulxin;

"21.2.5. Illi t-tieni u t-tielet regola jikkoncernaw cirkostanzi partikolari li fihom hi permessa ingerenza fuq id- dritt tal-godiment pacifiku tal-proprjeta`, li ghalhekk, ghandhom jigu interpretati fid-dawl tal-principju generali kif sancit u enuncjat fl-ewwel regola;

"Ikkunsidrat:

"22.0. Illi fid-dawl tal-istess u kif sancit mill-***Qorti ta' Strasburgu*** fil-kawza ***Hutten – Czapska vs. Poland***, datata z-***19 ta' Gunju, 2006***, it-tliet (3) rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti biex jigi stabbilit jekk fit-tehid ta' proprjeta` mill-iStat ikunx skont id-disposizzjoni fuq citata tal-Konvenzjoni huma s-segwenti:

"22.1. Il-legalita`;

"22.2. L-Iskop Legittimu; u

"22.3. Il-Bilanc Gust;

"23. Illi l-istess gie wkoll ritenut lokalment mill-***Qorti Kostituzzjnali*** fil-kawza fl-ismijiet ***Carmen Cassar vs. Direttur*** ghall-***Akkomodazzjoni Socjali et*** datata t-***12 ta' Lulju, 2011***, li irriteniet is-segwenti:

> "Skond il-Konvenzjoni l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol jistabbilixxi tliet kundizzjnijiet li jridu jigu sodisfatti biex jigi deciz li kien hemm ksur ta' dan id-dritt – 1. Lawfulness, 2. Legitimate aim, 3. Fair Balance";

"24. Illi ghalhekk irid jinholoq bilanc gust bejn l-interess generali tal-komunita` u d-dritt ghad-dgawdija pacifika tal-possediment;

"25. Illi l-istess artiklu 1 tal-Ewwel Protokol hawn in dizamina ma jitkellimx espressament fuq il-kumpens li jista' jkun dovut f'kaz t'ingerenza mill-iStat fid-dgawdija tal-proprjeta` privata;

"26. Illi minkejja dan il-vojt, l-istess dritt ghall-kumpens f'kazijiet bhal dawn jirrizulta naxxenti mill-htiega tas-sodisfazzjon tal-principju tal-proporzjonalita` bejn l-interess generali u l-protezzjoni tad-dritt ghall-proprjeta`;

"27. Illi ghalhekk, kemm- il darba tirrizulta nuqqas ta' proporzjonalita` bejn it-tehid u l-kumpens moghti, allura ikun hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali kif protett mill-imsemmi artiklu 1 tal-Ewwel Protokol;

"Ikkunsidrat:

"28.0. **Il-Legalita`:**

"28.1. Illi ghall-finijiet tal-procedura odjerna l-ingerenza riskontrata fid-dgawdija pacifika tal-possedimenti tar-rikorrenti jirrizulta li saret ghal skop stabbilit mill-ligi;

"28.2. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni in kwistjoni inhareg a bazi tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta;

"28.3. Illi r-rikorrenti ma jirrizultax li allegaw li l-proceduri kontemplati fil-Kap indikat fil-paragrafu precedenti ma gewx osservati;

"28.4. Illi konsegwentement ghandu jkun pacifiku li l-interferenza fil-proprjeta` tar-rikorrenti kienet wahda legali u skont l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni;

"Ikkunsidrat:

"29.0. **L-Iskop Legittimu:**

"29.1. Illi biex jigi determinat dan ir-rekwizit ghandu jigi determinat jekk l-interferenza tal-iStat fid-drittijiet tar-rikorrenti saritx fl-interess generali;

"29.2. Illi f'dan ir-rigward huma l-awtoritajiet nazzjonali li in principju, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeterminaw x'inhu fl-interess generali jew fl-interess pubbliku;

"29.3. Illi *di piu`*, kif issosstni l-***Qorti ta' Strasburgu*** fil-kawza ***Hutten-Czapska*** fuq citata, (ara paragrafu numru tnejn u ghoxrin, (22.), aktar qabel):

> "... In particular, spheres such as housing of the population, which modern societies consider a prime social need and which plays a central role in the welfare and economic policies of Contracting States, may often call for some form of regulation by the State. In that sphere decisions as to whether, and if so when, it may fully be left to the play

> of free market forces or whether it should be subject to State control, as well as the choice of measures for securing the housing needs of the community and of the timing for their implementation, necessarily involve consideration of complex social, economic and political issues";

"29.4. Illi fil-kaz odjern jirrizulta assodat li l-ordni ta' rekwizizzjoni ma kienx wiehed kapriccuz jew ingustifikat;

"29.5. Illi ghalhekk jirrizulta li l-mizura mehuda mill-Awtorita` intimata kienet animata minn ghan legittimu li jikkombacifil-kuntest tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni in dizamina;

"Ikkunsidrat:

"30.0. **Il-Bilanc Gust:**

"30.1. Illi fid-dawl tas-suespost u tal-gurisprudenza lokali u ta' Strasburgu, hu rikonoxxut li l-iStat ghandu d-dritt u l-poter li jirregola l-uzu tal-proprjeta` fid-dawl tal-interess pubbliku;

"30.2. Illi fid-dawl tal-istess l-iStat igawdi wkoll margini wiesgha ta' diskrezzjoni;

"30.3. Illi minkejja dan, l-esercizzju tad-diskrezzjoni in dizamina ghandu dejjem jibqa' f'limiti li jassiguraw li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop persegwit ghandu jkun hemm proporzjon fis-sens li min ikun sofra l-ingerenza jew privazzjoni tal-proprjeta` ma jigix suggett ghal sagrificcji partikolari;

"30.4. Illi fir-rigward tal-kera koncessa mill-intimati lir-rikorrenti ghat-tehid tal-proprjeta` in dizamina jinghad li tirrizulta diskrepanza enormi bejn l-istess kera ta' €256.23 annwi moghtija lir-rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa), u l-valur lokatizju tal-fond de quo fis-suq hieles ta' €127,700.00 annwi, (ara foll 49);

"30.5. Illi fid-dawl tal-kuntrast kbir li jezisti bejn is-somom indikati fil-paragrafu precedenti, ghandu jirrizulta pacifiku li r- rikorrenti qeghdin igorru piz eccessiv u sproporzjonat *stante* li d-diskrepanza riskontrata turi bi kjarezza li ma nzammx bilanc gust bejn l-interess generali tas-socjeta` u l-protezzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta` taghhom;

"30.6. Illi kif stabbiliet il-***Qorti Kostituzzjonali*** fil-kawza fl-ismijiet ***Michael u Cecilia konjugi Xerri vs. Av. Michelle Tabone et***, datata s-***27 t'April, 2012***, dwar il-principju ta' proporzjonalita`:

> "... inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's

> fundamental rights. This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system...
>
> "Fi kliem iehor, il-qorti trid taghmel 'assessment whether a fair balance has been struck between the various interests at stake and, notably, whether or not a disproportionate burden has been imposed on the person who has been deprived of his possession";

"30.7. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li fin-nuqqas ta' proporzjonalita` jirrizulta l-ksur konvenzjonali";

"30.8. Illi fis-sentenza tal-***Qorti ta' Strasburgu*** fl-ismijiet ***Fleri Soler et vs. Malta***, datata s-***26 ta' Settembru, 2006***, li wkoll bhal fil-kaz odjern, ittrattat il-hrug t'ordni ta' rekwizizzjoni, wara li stabbiliet li l-ordni in kwistjoni kien inhareg fl-interess pubbliku, kompliet hekk:

> "68. Not only must an interference with the right of property pursue, on the facts as well as in principle, a 'legitimate aim' in the 'general interest', but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual's property. That requirement is expressed by the notion of 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights";

"30.9. Illi l-investigazzjoni biex jinstab jekk f'dan il-kaz ir-rikorrenti humiex qed jigu akkollati b'piz sproporzjonat u eccessiv bl-atitudini mehuda fil-konfront taghhom mill-Awtorita` intimata hi ghalhekk essenzjali ghall-vertenza in dizamina;

"30.10. Illi ghalhekk hu necessarju li din il-qorti tivvaluta akkuratament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz biex tara verament x'kienu l-interess tal-partijiet;

"30.11. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

"30.11.1. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni inharget fit-13 t'Awwissu, 1974, (ara foll 105);

"30.11.2. Illi l-istess ordni baqghet fis-sehh sallum;

"30.11.3. Illi in linea ma rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Ombudsman, (ara foll 38 *et sequitur*), l- Awtorita` intimata rrilaxxat il-pussess tal-gnien u tal-kantina tal-fond *de quo*, flimkien ma cwievet u ordni ta' de-rekwizizzjoni fuq uhud mill-ambjenti mill-istess, (ara foll 96);

"30.11.4. Illi l-istess Awtorita` halset lir-rikorrenti l- ammont ta' seba' u sittin elf, erba' mija u wiehed u tletin euro u sebghin centezmu, (€67,431.70), (ara verbal datat il-11 ta' Marzu, 2014, a foll 93);

"30.12. Illi konsegwenza tas-suespost, jirrizulta li r-rikorrenti ilhom jigu imfixkla mit-dgawdija tal-proprjeta` taghhom in dizamina mit-13 t'Awwissu, 1974, (ara foll 105), ughalhekk dan, ghall-perjodu ta' aktar minn erbghin (40) sena;

"30.13. Illi di piu`, bejn il-valur lokatizju tal-istess fis-suq liberu u l-kera mhallsa mill- awtorita` intimata hemm qabza kolossali, (ara foll 1 u foll 49);

"30.14. Illi konsegwentement ghandu jkun pacifiku li r-rekwizit in dizamina tal-bilanc gust bejn l-interess pubbliku u l-interess privat ma inzammx;

"30.15. Illi kif intqal f'dan ir-rigward mill-***Qorti ta' Strasburgu*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Ghigo vs. Malta***, datata s-***26 ta' Settembru, 2006***:

> "62. In assessing compliance with Article 1 of Protokol Number 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are 'practical and effective'. It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of. In cases concerning the operation of wide ranging housing legislation, that assessment may involve not only the conditions for reducing the rent received by individual landlords and the extent of the State's interference with freedom of contract and contractual relations in the lease market but also the existence of procedural safeguards ensuring that the operation of the system and its impact on a landlord's property rights are neither arbitrary nor unforeseeable. Uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a factor to be taken into account in assessing the State's conduct. Indeed, where an issue in the general interest is at stake, it is incumbent on the public authorites to act in good time, in an appropriate and consistent manner, (see Immobiliare Saffi ... § 54 and Broniowski ... § 151)";

"30.16. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi tal-fehma li l-fatt li r-rikorrenti, in konsegwenza diretta tal-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni li xekklet lill-istess mill-uzu shih u mid-dgawdija ta' hwejjighom, dawn tghabbew b'piz eccessiv u sproporzjonat meta l-kera koncessa lilhom kienet ta' livell ta' €256.23 fis-sena meta l-valur lokatizju tal-istess fis-suq hieles kien ta' livell ta' €127,700.00;

"30.17. Illi konsegwenza tal-istess ghandu jkun pacifiku li l-***bilanc gust*** bejn l-interess generali tal-komunita` u l-harsien tad-dritt ta' proprjeta` tar-rikorrenti ma giex milhuq;

"30.18. Illi ghalhekk, il-kundizzjoni essenzjali tal-proporzjonalita`, (bilanc gust), ma gietx sodisfatta fl-agir tal-intimati fil- konfront tar-rikorrenti hawn in dizamina;

"30.19. Illi konsegwentement tiddikjara li l-azzjoni tal-intimati fuq deskritta fir-rigward tal-ghoti tal-kera wara u in konsegwenza tal-ordni ta' rekwizizzjoni in dizamina tikkostitwixxi vjolazzjoni mill-Awtorita` intimata tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti;

"Ikkunsidrat:

"31. Illi accertata l-lezjoni tal-Konvenzjoni kif indikat fil-paragrafu precedenti, ser issa jigi kkunsidrat il-kap tal-*"just satisfaction"* li ghandhu jinghata lir-rikorrenti *ai termini* tal-artiklu 41 tal-Konvenzjoni;

"32. Illi f'dan ir-rigward terga ssir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***Cassar vs. Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et***, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.), aktar qabel li tghid li:

> "Ghalkemm din il-qorti ghandha latitudini wiesgha hafna sabiex taghti dawk il-provedimenti li tqis xieraq sabiex twettaq jew tizgura t-twettieq tal-artikli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u ... il-Konvenzjoni, dik il-latitudini mhiex illimitata ghaliex hi arginata bl-ordinament guridiku taghna li ma jippermettix lil din il-qorti li temenda l-ligijiet tal-pajjiz u tikkonverti f'azzjoni mandatorja azzjoni li skont il-ligi relevanti hi wahda diskrezzjonarja jew li tobbliga lill-intimat Direttur ihallas kera, jew kumpens ghal fond rekwizizzjonat akbar minn dak stabbilit bil-ligi li tirregola kemm ghandu jkun dak il-kera jew kumpens. Il-kumpens li se mai din il-qorti ghandha tordna huwa kumpens ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali riskontrat mill-qorti;"

"Ikkunsidrat:

"33. Illi fir-rigward tal-*kumpens xieraq* issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***Ian Peter Ellis et vs. Avukat Generali et*** datata l-***24 ta' Gunju, 2016***, li fiha huma kwotati il-***Harris, O'Boyle u Warbrick***, fil-ktieb taghhom ***"Law of the European Convention on Human Rights" (Oxford University Press, Second Edition – 2009, pp. 680 – 686)*** fejn jghidu s-segwenti:

> "The level of compensation must be 'reasonably related' to the value of the property taken. The general measure of compensation for an expropriation is stated in ***Pincova and Pinc vs. Czech Republic (2002)*** as one that is 'reasonably related' to its 'market' value as determined at the time of the expropriation. However, Article 1/1/2 requires neither full compensation nor the same level of compensation for every category of deprivation. In **James vs. UK (op cit)** the Court said that where the State was pursuing economic reform or social justice, less reimbursement was due to the dispossessed owners than full market value. The State enjoys a wide margin in assessing the appropriate level of compensation and, indeed, in estimating the value

> of property in the first place. Where the amounts are fixed by reference to objective standards, with the possibility of representation for those deprived of property in the process, intervention by the Court is unlikely... it would be a rare case for the Court to find a breach of Article 1 of the First Protocol by reason of the level of compensation alone. To summarize, in general the guiding principle remains the 'fair balance', reliance upon which is necessary to establish any right to compensation for nationals. It is also a principle that leaves a wide, though not unlimited, margin of appreciation to the state to determine what the level of compensation should be";

"34. Illi f'dan ir-rigward il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)***, fis-sentenza fl-ismijiet ***Alfred Balzan nomine vs. Kummissarju tal-Artijiet et***, datata t-***30 ta' Marzu, 2010***, wkoll ikkwotat din id-darba lil ***Van Dijk, Van Hoof, Van Rijin u Zwaak*** fil-ktieb ***"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Forth Edition – Intersentia, 2006, p. 881 et sequitur***, li jghidu s-segwenti:

> "... compensation terms are material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and whether or not it imposes a disproportionate burden. In this connection the Courts hold that the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference. However, legitimate objectives of public interest may call for less than reimbursement of the full market value...
>
> "Decisive is whether in the context of a lawful expropriation a disproportionate and excessive burden has been imposed on the individual. This requires an overall examination of the various interests in issue, and bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are 'practical and effective'. Therefore, it is necessary to look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of...";

"Ikkunsidrat:

"35.0. **Il-Kwantifikazzjoni tal-Kumpens:**

"35.1. Illi f'dan ir-rigward il-qorti ser tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

"35.1.1. Illi l-fond in dizamina ilu kolpit minn ordni ta' rekwizizzjoni sa mit-13 t'Awwissu, 1974, (ara foll 105);

"35.1.2. Illi l-ordni ta' derekwizizzjoni inharget fis-27 ta' Gunju, 2014, (ara foll 96);

"35.1.3. Illi ghal diversi snin ir-rikorrenti thallsu s- somma ta' €256.23 fis-sena bhala kumpens ghat-tehid sforzat tal-fond in dizamina, (ara foll 1);

"35.1.4. Illi l-valur lokatizju fis-suq liberu tal-istess fond kien stabbilit fl-ammont ta' €127,700.00, (ara foll 49);

"35.1.5. Illi l-valur tal-istess fis-suq liberu li bih jista` jinbiegh kien stabbilit fl-ammont ta' €2,837,700.00, (ara foll 49)

"35.1.6. Illi l-iskop li ghalih finalment inhareg l-ordni ta' rekwizizzjoni kien wiehed legittimu u ghalhekk fl-interess pubbliku;

"35.1.7. Illi fil-kazi in dizamina l-kumpens pagabbli jista' jkun anqas mill-kumpens shih li jista' jkun dovut skont il-kriterji tas-suq liberu;

"35.1.8. Illi l-istess kumpens jista' wkoll ma jkunx ekwivalenti ghall-kumpens li jinghata f'kawza ta' indole civili;

"35.1.9. Illi l-Awtorita` intimata gia hallset lir-rikorrenti s-somma ta' €67,431.70, (ara foll 93);

"35.1.10. Illi r-rikorrenti hadu kwazi erbghin (40) sena biex jintavolaw din il-procedura, (ara foll 1 u foll 105);

"35.1.11. Illi minkejja li l-ordni ta' rekwizizzjni inhareg fl-1974, (ara foll 105), il-Konvenzjoni li fuqha qed jibbazaw il-kaz taghhom ir-rikorrenti tkoprilezjonijiet tal-Konvenzjoni mit-30 t'April, 1987, 'l quddiem u konsegwentement *ai termini* tal-artiklu 7 tal-istess Konvenzjoni, m'ghandhatinghata l-ebda konsiderazzjoni ghall-lezjonijiet precedenti ghal din id-data hawn indikata;

"36. Illi in vista ta' dak premess fil-paragrafu precedenti jigi ghalhekk sottolineat li minkejja li l-lanjanza in dizamina tikkostitwixxi vjolazzjoni kontinwa tad-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta` taghhom, qed tinghata biss konsiderazzjoni tal-vjolazzjoni li sehhet mit-30 t'April, 1987, li ipperdurat sad-data tad-derekwizizzjoni, senjament is-27 ta' Gunju, 2014, (ara foll 96);

"Ikkunsidrat:

"37. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tillikwida *arbitario boni vivi* l-kumpens li r-rikorrenti ghandhom jircievu ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali minnhom imgarrab fl-ammont ta' **hamsin elf euro, (€50,000.00)**;

"Ikkunsidrat:

"38.0. Illi fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta' ksur tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni jinghad sintetikament is-segwenti:

> "38.1. Illi d-"diskriminazzjoni" hemm indikata giet indirizzatamill-***Qorti ta' Strasburgu*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Spadea and Scolabrino vs. Italy*** datata t-***28 ta'Settembru, 1995***, fejn qalet:
>
> > "Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated".
>
> "38.2. Illi fid-dawl tas-suespost jinghad li d-diskriminazzjoni kif fuq kostruwita ma tirrizultax u konsegwentement, din it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;".

## L-Appell

8. L-appellanti pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors datat 10 ta' Novembru 2017, fejn talbu illi din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet "*li l-ordni ta' rekwizizzjoni in dizamina jikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta` taghhom in dizamina; irrespingiet t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tad-diskriminazzjoni kif protetta fl-artiklu 14 tal-Konvenzjoni; irrespingi r-risposti tal-intimati fil-konfront tal-vjolazzjoni rigwardanti l-ordni ta' rekwizizzjoni fuq riferita; u akkoljiet r-risposti tal-intimati fil-konfront tal-lanjanza tar-rikorrenti rigwardanti d-diskriminazzjoni ai termini tal-artiklu 12 tal-Konvenzjoni*", timmodifikaha fil-kumplament taghha billi minflok ikun hemm ordni li l-awtorita` pubblika tirrilaxxja l-fond liberament f'idejn ir-rikorrenti fl-istess stat li haditu u li jigi likwidat kumpens izjed konsonu mal-fatti tal-kaz minflok il-kumpens li gie likwidat mill-ewwel Qorti.

9. L-appell tar-rikorrenti huwa msejjes fuq tliet aggravji li, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti: [i] is-sentenza ma tathomx rimedju effettiv ghaliex il-vjolazzjoni baqghet tipperdura anke wara s-sentenza appellata; [ii] il-kumpens moghti ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom ma jirrispekkjax il-parametri tad-dritt zviluppati mill-Qorti Ewropea; u [iii] ma nghata ebda kumpens mhux pekunjarju ghall-vjolazzjoni nnifisha li ghadha tipperdura sal-lum.

10. L-intimati l-Avukat Generali u l-Awtorita` tad-Djar wiegbu ghall-appell tar-rikorrenti permezz ta' risposta pprezentata fis-17 ta' Novembru 2017, fejn sostnew illi s-sentenza appellata kienet wahda tajba u bilancjata u jaqblu sew mad-decizjoni li d-drittijiet tar-rikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni gew lezi, kif ukoll mad-decizjoni li jinghataw kumpens fis-somma likwidata mill-ewwel Qorti.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

11. Ir-rikorrenti appellanti jilmentaw *in primis* illi r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ma huwiex effikacji sabiex tigi mitmuma darba ghal dejjem il-lezjoni riskontrata tad-dritt fondamentali taghhom ghat-tgawdija bil-kwiet ta' gidhom. Jikkontendu illi, ghalkemm il-fond illum jista' ma jkunx

ghadu okkupat mill-entitajiet li lilhom kienu gew allokati d-diversi ambjenti tal-fond, u ghalkemm huma nghataw lura c-cwievet ghal uhud mill-partijiet tal-fond, jenhtieg li jinghata ordni *ad hoc* li l-fond jigi ritornat lura lilhom *quid unum*, anke minhabba l-mod kif jinsab kostruwit il-fond. Skont l-appellanti, minghajr ordni ghar-rilaxx tal-proprjeta` tal-anqas fl-istess stat li nghatat lill-iStat, l-awtoritajiet m'humiex marbutin iroddu lura l-fond lura minkejja s-sejbien ta' ksur tad-dritt fondamentali taghhom li jgawdu minghajr tfixkil il-fond taghhom.

12. L-appellati wiegbu ghal dan l-aggravju billi jghidu li, gia ladarba nstab li ordni ta' rekwizizzjoni vvjola id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, huwa logiku li l-iStat ma jistax jinqeda iktar bl-ordni ta' rekwizizzjoni sabiex izomm il-pussess tal-fond. Isostnu li b'effett tad-dikjarazzjoni ta' ksur fis-sentenza appellata, il-pussess legali tal-fond gia ghadda lir-rikorrenti u m'hemmx htiega ta' xi ordni ulterjuri biex jigu reintegrati fil-pussses tieghu, *multo magis* meta l-fond m'ghadux okkupat mill-intimati. Fi kliemhom stess "*… ghal dak li jikkoncerna lill-Avukat Generali u lill-Awtorita` tad-Djar, l-appellanti jistghu jaqbdu u jiehdu gidhom lura, b'dana li l-appellanti mghandhomx ghalfejn jinkwetaw li sejra tkompli xi lezjoni konvenzjonali*". L-appellati jsostnu wkoll illi tul il-kawza huma ghamlu hilithom biex jiehdu hsieb li jbattlu l-fond mill-okkupanti kollha tieghu.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

13. Din il-Qorti tosserva qabel xejn illi ma tressaq ebda aggravju la dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-ordni tar-rekwizizzjoni nhareg ghal ghan legittimu u skont il-ligi, u lanqas dwar il-konkluzjoni minnha raggunta li ma gietx riskontrata lezjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. L-appell tar-rikorrenti huwa limitat ghar-rimedju moghti ghal-lezjoni tad-drittijiet taghom.

14. Huwa pacifiku illi r-regola generali in materja ta' rimedju ghall-vjolazzjoni ta' drittijiet kostituzzjonali hija fis-sens illi meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-iStat ghandu jipprovdi *restitutio in integrum*, u huwa biss meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibbli, li l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Gie wkoll diversi drabi ritenut illi d-decizjoni li dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun rizervata ghal dawk il-kazijiet fejn hemm rimedju iehor facilment accessibbli jew fejn il-konsegwenzi huma zghar. F'kazijiet pero` fejn il-lezjoni hija aktar serja, huwa principju accettat li l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni.[2]

[2] Ara Q.K. 55/2009/1 – **Victor Gatt et v. Avukat Generali et**, deciza 5 ta' Lulju 2001; Q.K. 57/2009 - **Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar et**, deciza 24 ta' Frar 2012.

15. Ikun siewi wkoll li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet rigward dan il-kaz: [i] ir-rikorrenti nghataw il-pussess fiziku tal-gnien u l-kantina tal-fond, kif ukoll access mill-bieb principali tal-fond biex jaccedu ghal dawn l-ambjenti; [ii] fis-26 ta' Gunju 2014, wara process intrapriz mill-Awtorita` tad-Djar biex tehles lill-fond mid-diversi okkupanti tieghu, il-fond gie dekrekwizizzjonat parzjalment u limitatament in kwantu dawk l-ambjenti tal-fond li kienu okkupati mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali; [iii] il-bqija tal-fond jidher li sal-lum ghadu rekwizizzjonat; [iv] ghalkemm jirrizulta li l-entitajiet kwazi kollha li kienu jokkupaw id-diversi partijiet mill-fond, illum telqu mill-fond ghaliex sabu allogg alternattiv[3], il-fond ghadu ma giex ritornat fl-intier tieghu lir-rikorrenti u c-cwievet jidher li baqghu ghand l-Awtorita` intimata; [v] id-Dipartiment tas-Sahha ghadu jokkupa l-fond sal-lum; u [vi] ma jirrizultax li l-appellanti qatt rikonoxxew lill-okkupanti tal-fond taghhom bhala inkwilini skont il-ligi, u l-hlas tal-kumpens ghall-okkupazzjoni baqghu jircevuh minghand l-Awtorita` tad-Djar.

16. Ir-rikorrenti jikkontendu li fic-cirkostanzi jenhtieg ordni ghar-rilaxx tal-fond a favur taghhom ghaliex altrimenti xejn ma jorbot lill-awtoritajiet tal-iStat ikomplu jirritjenu l-pussess tal-fond u ma jrodduhx lura lilhom. L-intimati jirribattu t-tezi tal-appellanti billi jghidu li huma ma ghadhomx jokkupaw il-fond u b'effett tas-sentenza appellata l-iStat ma jistax jinqeda iktar bl-ordni ta' rekwizizzjoni sabiex izomm il-pussess tal-fond.

[3] Dan gie konfermat mill-appellati fir-Risposta tal-Appell taghhom.

Madanakollu, din il-Qorti ma tarax li dan l-argument tal-intimati ghandu mis-sewwa. Tosserva li l-Awtorita` tad-Djar diga` rilaxxat il-pussess ta' whud mill-ambjenti tal-fond a favur tar-rikorrenti billi radditilhom ic-cwievet ta' dawn l-ambjenti, oltre li harget ordni ta' derekwizizzjoni ta' parti mill-fond li qabel kien okkupat mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. B'zieda ma' dan, l-istess Awtorita` tat id-direttivi mehtiega biex jinhargu mill-fond diversi okkupanti ohra b'dan li jidher[4] li llum fadal biss okkupant wiehed biss.

17. Madanakollu, kif diga` osservat qabel, minkejja li l-fond illum jinsab prattikament vojt, l-Awtorita` tad-Djar baqghet ma revokatx l-ordni ta' rekwizizzoni fuq il-bqija tal-ambjenti tal-fond u lanqas raddet lura l-pussess ta' dawn l-ambjenti tal-fond lir-rikorrenti bl-istess mod li kienet irritornat il-gnien u l-kantina. Ghalkemm huwa minnu li l-Awtorita` intimata offriet lir-rikorrenti l-pussess fiziku ta' xi ambjenti ohra tal-fond li ma baqghux okkupati fil-mori ta' dawn il-proceduri, u ghalkemm huwa minnu wkoll illi r-rikorrenti ma accettawx dan ir-ritorn parzjali tal-fond[5], din il-Qorti ma tistax taqbel mal-intimati meta jghidu li r-rikorrenti jistghu jiehdu gidhom lura meta jridu u ma jenhtiegx ordni *ad hoc* sabiex tigi mitmuma l-lezjoni riskontrata mill-ewwel Qorti. Wara kollox, l-Att dwar

[4] Vide risposta tal-appell ta' l-intimati, pagna 2 para. 9

[5] Waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2014 – vide xhieda Carmen Azzopardi.

id-Djar [l-Kap 125][6] tqis illi b'effett tar-rekwizizzjoni tal-fond il-pussess tal-fond jittiehed biex jithalla f'idejn l-awtorita` komptenenti. A contrariu sensu, biex dak il-pussess jerga' jinghata lura lir-rekwizizzjonat, jehtieg li dak l-ordni jigi rtirat. F'dan il-kaz, jirrizulta manifest illi ghalkemm hadet hsieb li tbattal il-fond, l-Awtorita` intimata ghadha ma rrinunzjatx formalment ghall-pussess tal-fond, liema pussess evidentement lanqas jista' jitqies li jghaddi ghand ir-rikorrenti semplicement b'effett tad-dikjarazzjoni tal-lezjoni tad-dritt taghhom skont l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Kif inhuwa risaput, id-dikjarazzjoni tal-lezjoni *ut sic* ma tipproduci ebda effett oltre l-istess dikjarazzjoni, li wahedha tghodd tabilhaqq bhala rimedju awtonomu izda f'dan il-kaz huwa pjuttost evidenti li d-dikjarazzjoni ta' lezjoni ma hijiex sufficjenti biex tintemm il-lezjoni riskontrata mill-ewwel Qorti. Anki d-derekwizizzjoni tal-fond ma hix bizejjed jekk il-fond fizikament jibqa' okkupat mill-Gvern, anki jekk parzjalment, ghaliex b'hekk il-lezjoni tipperdura.

18. Konformament mal-premess, din il-Qorti tqis illi gia ladarba l-pussess legali u d-disponibbilita` tal-fond, tal-anqas in parte, ghadu ghand l-Awtorita` intimata, jenhtieg li biex tintemm il-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti l-istess Awtorita` troddilhom lura dan il-pussess billi tohrog ordni ta' de-rekwizzjoni fuq il-fond intier kif ukoll billi tirritorna l-pussess fiziku tal-ambjenti kollha fil-fond li llum ma ghadhomx

[6] Artikolu 2, definizzjoni ta' "rekwizizzjoni."

okkupati. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi bl-istess mod li l-Awtorita` tad-Djar ghaddiet il-pussess fiziku ta' whud mill-ambjenti tal-fond lir-rikorrenti u harget ordni ta' derekwizizzjoni ta' partijiet ohrajn mill-fond, daqstant iehor messha taghmel l-istess in kwantu ghall-ambjenti kollha l-ohra tal-fond li ghadhom fil-pussess legali taghha, *multo magis* meta l-Awtorita` stess taqbel li l-fond ma ghadux jintuza minnha.

19. In propositu, u ghall-kompletezza, ghandu jinghad li billi huwa evidenti li l-pussess legali tal-fond ghadu f'idejn l-Awtorita` tad-Djar, mhux f'lokha s-sottomissjoni tal-intimati li r-rikorrenti jistghu jaqbdu u jiehdu lura l-pussess ta' gidhom. Din il-Qorti tqis li huwa biss b'effett tad-derekwizizzjoni tal-fond intier li r-rikorrenti jkunu finalment muniti bl-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet kollha fuq il-fond, inkluz ukoll is-setgha li jiehdu l-proceduri kollha mehtiega biex jizgombraw mill-fond dawk l-okkupanti li jista' jkun li ghadhom ma vvakawx il-parti tal-fond li kienu jokkupaw bis-sahha tar-rekwizizzjoni - sakemm naturalment, l-Awtorita` tad-Djar ma tkunx sadanittant irnexxielha tikseb ukoll il-hrug mill-fond ta' dawn l-okkupanti li fadal, kif del resto ghamlet bl-okkupanti l-ohra kollha fil-mori tal-proceuri quddiem l-ewwel Qorti. Kif gia` osservat, ma jirrizultax li r-rikorrenti qatt irrikonoxxew formalment l-okkupanti tal-fond taghhom u qatt ma accettaw il-hlas ta' kumpens hlief direttament minghand l-Awtorita` intimata.

20. B'referenza ghal-lanjanza tar-rikorrenti li l-fond ghandu jigi ritornat lura lilhom fl-istat li kien qabel, din il-Qorti tifhem illi dan ifisser li r-rikorrenti jridu jinghataw lura l-pussess tal-fond kollu bhala entita` shiha bl-istess mod li l-fond gie rekwizizzjonat kollu f'daqqa, u huwa proprju ghal din ir-raguni li qed jigi ordnat li r-ritorn tal-fond isir permezz ta' ordni ta' derekwizizzjoni tal-fond <u>intier bhala entita` wahda</u>. Tifhem ukoll illi in kwantu l-intimati ddikjaraw espressament fir-risposta tal-appell taghhom li skont huma r-rikorrenti diga` ghandhom il-pussess legali ta' gidhom, hija l-volonta` ta' entrambi l-partijiet li r-rikorrenti jinghataw lura l-jeddijiet kollha fuq il-fond taghhom.

21. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju tar-rikorrenti huwa fondat u qed jigi milqugh billi, filwaqt li tiddikjara li mal-passagg taz-zmien l-ordni tar-rekwizizzjoni saret leziva tad-dritt ta' proprjeta` minhabba vjolazzjoni tal-principju tal-proporzjonalitá u ghalhekk illum, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti, hija leziva tad-dritt fundamentali tal-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-fond taghhom, tenut kont tal-fatt li fost ir-rimedji li ghandhom jinghataw lir-rikorrenti minhabba dik il-lezjoni huwa dak li jwaqqaf il-vjolazzjoni milli tkompli ssehh, u tenut kont li l-okkupanti li ghad fadal tokkupa parti zghira mill-post hija entitá governattiva li r-rikorrenti qatt ma rrikonoxxew

bhala inwkilina, dan ir-rimedju ghandu jkun li tithassar l-ordni tar-rekwizizzjoni u l-Awtoritá tirritorna lura c-cwievet tal-fond shih lir-rikorrenti.

22. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni u t-Tielet Aggravju*

23. Din il-Qorti thoss li jkun opportun li dawn iz-zewg aggravji jigu trattati flimkien in kwantu entrambi huma marbutin mal-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti.

24. Ir-rikorrenti jilmentaw illi, filwaqt li s-sentenza appellata elenkat tajjeb il-fatturi li kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-kumpens, il-quantum li gie ordnat li jithallas lilhom huwa baxx wisq u ma jirriflettix il-valur reali tal-fond u d-dannu soffert mir-rikorrenti bil-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom. Accennaw ghall-fatt illi l-fond kien mikri ghal skopijiet kummercjali fosthom lil entitajiet privati, u sostnew illi filwaqt li l-vjolazzjoni pperdurat ghal erbghin sena, il-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti bilkemm ilahhaq terz mill-kera li huma setghu jippercepixxu fuq is-suq f'sena wahda. Ir-rikorrenti jikkontendu

ulterjorment illi b'zieda mal-fatt li ma kellu jsir ebda tnaqqis mill-kumpens ghaliex il-fond ma ntuzax ghal skopijiet ta' akkomodazzjoni socjali, l-ewwel Qorti messha llikwidat kumpens abbazi tat-telf reali konsistenti fit-telf ta' kirjiet matul is-snin. Jilmentaw finalment illi ma gie likwidat ebda kumpens ghad-danni mhux pekunjarji.

25. L-intimati jirribattu dawn l-aggravji tar-rikorrenti billi jissenjalaw li l-ewwel Qorti inkludiet sew danni morali kif ukoll danni pekunjarji fic-cifra komplessiva ta' €50,000 li gie likwidat minnha in linea ta' kumpens. Jissoktaw jghidu li l-funzjoni tal-qrati moghnija b'setghat kostituzzjonali m'hijiex il-likwidazzjoni ta' danni civili, izda ta' danni ghall-vjolazzjoni riskontrata u ghalhekk kellha ragun l-ewwel Qorti li ma tahdimx il-kumpens abbazi tat-telf fil-kirjiet matul is-snin. Skont l-intimati, irid jittiehed qies ukoll tal-fatt li r-rikorrenti diga` nghataw rimedju parzjali bil-hlas tas-somma ta' €67,431.70 minghand l-Awtorita` tad-Djar u bir-ritorn tac-cwievet ta' whud mill-ambjenti tal-fond, kif ukoll tal-fatt illi l-istess Awtorita` wettqet ir-rakkomandazjzonijiet tal-Ombudsman meta gabret ic-cwievet minghand id-diversi okkupanti tal-fond fil-mori ta' din il-kawza, liema cwievet gew anke offruti lir-rikorrenti.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.</u>

26. Fl-ewwel lok, hija f'lokha l-osservazzjoni li l-proceduri odjerni, in kwantu huma ta' natura kostituzzjonali, m'humiex primarjament intizi biex jigi stabbilit l-ammont ta' danni materjali talvolta sofferti mir-rikorrenti li jistghu jigu reklamati fi proceduri ordinarji, izda huma principalment diretti sabiex jindirizzaw il-lezjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali subita mir-rikorrenti fid-drittijiet fundamentali taghhom, precizament, f'dan il-kaz, id-drittijiet protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li tieghu l-ewwel Qorti rravvizat ksur mhux kontestat f'din l-istanza.

27. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa pacifiku li meta tinsab lezjoni ta' dritt protett mill-Konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni, il-mira primarja tar-rimedju tkun, generalment, il-waqfien tal-lezjoni u restitutio in integrum safejn possibbli b'mod li kull kunsiderazzjoni ta' kumpens tkun ta' importanza sekondarja, tant illi l-kumpens m'huwiex moghti f'kull kaz fejn tigi riskontrata lezjoni. Daqstant iehor huwa pacifiku illi l-qorti fil-funzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha s-setgha illi tipprovdi ghall-hlas ta' danni sew pekunjarji, kif ukoll non-pekunjarji, b'zieda mar-rimedju li jista' jkun moghti meta dan ir-rimedju jista' ma jkunx wiehed shih u ma jaghmilx gustizzja f'dak il-kaz, jew meta d-dikjarazzjoni wahedha ta' ksur, jew il-waqfien tal-lezjoni, ma jkunux sufficjenti.

28. Din il-Qorti diga` ordnat, fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju, it-twaqqif tal-lezjoni bl-ordni ghar-rilaxx tal-fond a favur tar-rikorrenti, u konformament ma' dan l-ordni, hija tal-fehma illi l-kwistjoni tal-hlas ta' kumpens monetarju ma ghadhiex daqstant impellenti. B'zieda mal-premess, jigi osservat illi f'dawn il-proceduri l-Qorti m'hijiex qed tintalab tinkwantifika danni civili izda kumpens xieraq ghal dan it-tul kollu ta' zmien fejn ir-rikorrenti gew imcahhda mid-dritt taghhom ta' pussess u tgawdija bla limitazzjoni tal-fond taghhom minghajr kumpens xieraq.

29. Gie kostantament ritenut illi:-

> "Under Art.41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied. It is therefore not for the court to quantify the amount of rent due in the future".[7]

30. Din il-Qorti taqbel mal-intimati li l-kumpens f'kawza ta' natura kostituzzjonali mhux ekwivalenti ghal danni civili li huma rikuperabbli quddiem il-qrati ordinarji[8], izda taghraf ukoll fl-istess waqt illi fil-komputazzjoni ta' kumpens xieraq, irid jittiehed qies tal-ghan li mmotiva l-mizura tar-rekwizizzjoni bil-konsegwenza li l-kumpens likwidat jista'

---

[7] **Amato Gauci v. Malta**, deciza 15 Settembru 2009, para.80.

[8] Ara **Philip Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali**, Q.K. deciza 7 Dicembru 2010; u **A. Mifsud v Supt. Carmelo Bonello et**, Q.K. deciza 18 Settembru 2009.

jkun anqas mill-kumpens shih li altrimenti jkun dovut skont il-kriterji tas-suq.[9]

31. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis illi fit-trattazzjoni ta' dan l-aggravju tar-rikorrenti, b'zieda mal-fatturi gia kkonsidrati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata fil-likwidazzjoni tal-kumpens, kif ukoll mizmum ferm il-fatt li issa r-rikorrenti qed jakkwistaw lura u jigu reintegrati fil-jeddijiet kollha taghhom fuq il-fond, huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet:- [i] l-ordni ta' rekwizizzjoni *de quo* tillfet il-legittimita taghha bil-passagg taz-zmien; [ii] ir-rikorrenti diga` thallsu mill-Awtorita` intimata s-somma ta' iktar minn €67,000 akkont tad-danni pekunjarji, in linea mar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman; [iii] il-ko-operazzjoni tal-Awtorita` intimata fil-hrug tad-diversi entitajiet mill-fond matul is-snin u r-ritorn ta' xi ambjenti u cwievet tal-fond de quo lir-rikorrenti. Ta' min josserva illi fit-trattazzjoni ta' dawn iz-zewg aggravji taghhom, ir-rikorrenti naqsu kompletament milli jaccennaw ghall-hlas tas-somma ta' €67,431.70 li rcevew minghand l-Awtorita` intimata in linea ta' kumpens.

32. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet kollha fuq riportati jimmiltaw kontra l-likwidazzjoni ta' quantum ta' kumpens oghla minn dak likwidat fis-sentenza appellata. Billi huwa evidenti wkoll li fis-

---

[9] Ara fir-rigward, **Edwards v. Malta** (*just satisfaction*), Appl. 17647/04, deciza 17 Lulju 2008; **Ghigo v. Malta** (*just satisfaction*), Appl. 31122/05, deciza wkoll 17 ta' Lulju 2008; u **Amato Gauci v. Malta**, Appl. 47045/06, deciza 15 Settembru 2009.

sentenza appellata, li l-ewwel Qorti b'ebda mod ma eskludiet il-kumpens ghad-danni morali mic-cifra ta' €50,000 minnha likwidata, din il-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax il-hlas ta' kumpens ghal danni pekunjarju u non-pekunjarju fis-somma globali ta' €117,431.70, maghdud mieghu r-reintegrazzjoni fil-pussess tal-fond, bhala rimedju xieraq u effettiv ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

33. Fl-istess waqt pero`, anke ghaliex jidher li l-ewwel Qorti fehmet erronjament li l-fond gie derekwizzjonat *in toto* fis-27 ta' Gunju 2014, tqis illi jkun xieraq li mal-kumpens likwidat, jithallas ukoll imghax legali mid-data tas-sentenza appellata biex jikkumpensa ghall-fatt li sal-lum, il-vjolazzjoni pperdurat minkejja l-ordni ta' derekwizizzjoni parzjali u minkejja wkoll ir-rimedju moghti fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

34. Finalment rigward l-inazzjoni da parti tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-fond taghhom, din il-Qorti tosserva li llum dan il-fattur m'ghandux rilevanza ghall-fini tal-kumpens.[10]

[10] Vide *Q.Kos.12/3 Ian Peter Ellis vs Maggur Alfred Cassar Reynaud, 27 jannar 2017 u ECHR Montnaro Gauci and Others vs Malta* Appl.31454/12, deciza 30 Awissu 2016

35. Ghaldaqstant it-tieni u t-tielet aggravji tar-rikorrenti m'humiex fondati u ghandhom jigu respinti salv ghall-hlas ta' imghax legali fuq il-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tilqa' l-istess in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi, thassar l-ordni tar-rekwizzjoni fuq il-fond intier tar-rikorrenti, tordna lill-Awtorita` tad-Djar sabiex tirrilaxxa l-fond intier lill-istess rikorrenti u tordna wkoll li mal-kumpens fis-somma ta' €50,000, jithallas lir-rikorrenti imghax mid-data tas-sentenza appellata; tikkonferma ghal bqija s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti u in kwantu ghal nofs mill-intimati appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb/rm